**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*
*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2024/0802(NLE)**

12.12.2024

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu
(N10-0050/2024 – C10-0210/2024 – 2024/0802(NLE))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteurs: Aurore Lalucq, Javier Zarzalejos

## WERREJ

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW........................................3

NOTA SPJEGATTIVA ..............................................................................................................5

# PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għall-ħatra tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu**
**(N10-0050/2024 – C10-0210/2024 – 2024/0802(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2024 (C10-0210/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010[1],

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2024),

– wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620 jipprevedi li l-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu għandu jintgħażel abbażi tal-mertu, il-ħiliet, l-għarfien, l-integrità, il-pożizzjoni rikonoxxuta u l-esperjenza fil-qasam tal-AML/CFT u kwalifiki rilevanti oħra;

B. billi l-Parlament huwa impenjat biex jiżgura l-bilanċ bejn il-ġeneri f'karigi eżekuttivi fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni; billi l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha nazzjonali u tal-Unjoni għandhom jimplimentaw miżuri konkreti biex jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri;

C. billi skont l-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) 2024/1620, fid-9 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni adottat lista mqassra ta' kandidati għall-kariga tal-President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduti ta' smigħ ma' dawk il-kandidati fil-lista mqassra fil-25 ta' Novembru 2024;

D. billi, f'konformità mal-Artikolu 68(1) tar-Regolament (UE) Nru 2024/1620, il-Kummissjoni bagħtet il-lista mqassra lill-Parlament fid-9 ta' Ottubru 2024;

E. billi fl-4 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni adottat proposta biex is-Sa Bruna Szego tinħatar President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u bagħtet dik il-proposta lill-Parlament;

F. billi l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet

[1] ĠU L, 2024/1620, 19.6.2024.

Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern imbagħad evalwaw il-kwalifiki tal-kandidat propost għall-kariga ta' President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 68 tar-Regolament (UE) Nru 2024/1620;

G. billi fis-16 ta' Diċembru 2024, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern organizzaw seduta ta' smigħ mas-Sa Bruna Szego, fejn għamlet stqarrija preliminari u wieġbet mistoqsijiet li ressqu l-membri tal-Kumitati;

1. [Jagħti/Jirrifjuta li jagħti] l-approvazzjoni tiegħu għall-ħatra tas-Sa Bruna Szego bħala President tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu(, u jitlob li tiġi rtirata l-proposta kif ukoll li tiġi ppreżentata proposta ġdida);

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport ġie mfassal wara li l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern eżerċitaw is-setgħat mogħtija lill-Parlament skont ir-Regolament 2024/1620, b'mod partikolari l-Artikolu 68(1) tiegħu.